



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

12366/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0317(NLE)**

---

DAPIX 286  
DATAPROTECT 186  
ENFOPOL 462  
EUROJUST 122  
FRONT 300  
VISA 242  
EURODAC 21  
ASILE 61  
SIRIS 119  
SCHENGEN 49  
CSCI 127  
SAP 28  
COMIX 509  
JAI 904

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| Suġġett: | Anness għal Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Arranġament mar-Renju tan-Norveġja, mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Konfederazzjoni Żvizzeri u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-parteċipazzjoni ta' daww l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja<br>- Adozzjoni |

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011<sup>1</sup> jipprevedi li skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni tagħhom, għandhom isiru arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi assoċjati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen fil-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, il-persunal u d-drittijiet tal-vot.
2. Fl-24 ta' Lulju 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mal-Iżlanda, man-Norveġja, mal-Iżvizzera u mal-Liechtenstein għal Arranġament dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħha fl-Aġenzija (l-"Arranġament").
3. Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Arranġament fl-15 ta' Ġunju 2018.
4. Fit-3 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ħarġet Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Arranġament mar-Renju tan-Norveġja, mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-parteċipazzjoni ta' daww l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, u magħha Anness bit-test tal-Arranġament<sup>2</sup>.
5. Fl-10 ta' Settembru 2018, il-grupp ta' Kunsilliera tal-ĠAI eżamina l-proposta ta' hawn fuq u approva t-test tagħha, inkluż it-test tal-Arranġament meħmuż magħha.
6. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-Anness għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif jinsab, wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 12367/18 u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni bħala punt A fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqqgħat tiegħu.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011).

<sup>2</sup> 11805/18 + ADD 1.